## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Elliott Magro)**

**Vs**

**Sam Ibrahim Mahmoud**

**Illum 24 ta' Dicembru, 2015.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Sam Ibrahim Mahmoud** ta' 18 –il sena iben Sami u Asef, imwieled gewwa Alexandria, l-Egittu fl-1 ta' Ottubru, 1997 u residenti gewwa Container 29, Hal Far Open Centre, limiti ta' Birzebbugia, detentur tal-karta ta' l-identita` 140174 (A) u numru tal-Pulizija ta' l-Imigrazzjoni 14E-024.

Akkuzat talli flimkien ma persuni ohra, f' diversi bnadi gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda u cioe` talli:

1. F' xi hin bejn is-17 u 19 ta' Ottubru, 2015, minn gewwa residenza maghrufa bhala Swieqi Residential Complex, Block C, Flat 3, Triq il-Qatta, Swieqi kkommetta serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' elfejn, mitejn u ghoxrin Euro (€2,220) u diversi oggetti ohra ghad-dannu ta' Joseph Cassar u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-valur li jeccedi elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli bejn il-lejl tas-6 u s-7 ta' Novembru, 2015, minn gewwa residenza numru 5, sitwata gewwa Triq il-Beata Adeodata Pisani, Pembroke, ikkommetta serq ta' *laptop* ta' l-ghamla ' Toshiba' tal-valur ta' tmin mitt Euro (€800), flus kontanti fl-ammont ta' tlett mitt Euro (€300), gojjelerija ta' valur mhux maghruf, u oggetti ohra ta' valur kumplessiv ta' erbghin Euro (€40) ghad-dannu ta' Lucienne Gravino u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza numerika, bil-lok u bil-valur li ma jeccedix elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u seba u tletin centezmu (€2,329.37);

3. U aktar talli nhar it-28 ta' Novembru, 2015 bejn 00:30 hrs u 08:00 hrs, minn gewwa residenza numru 97, Minerva, sitwata gewwa Triq it-Tiben, Swieqi, ikkommetta serq ta' mitt Euro (€100) fi flus kontanti u *I Pad* ta' l-ghamla Apple tal-valur ta' hames mitt Euro (€500) ghad-dannu ta' David Attard u/jew persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-valur ma jeccedix elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. U aktar talli nhar it-3 ta' Dicembru, 2015 ghal habta tas-01:45 hrs gewwa l-lokalita` ta' San Giljan ikkommetta serq ta' kartiera li go fiha kien hemm ghoxrin Euro (€20) u kif ukoll numru ta' dokumenti ghad-dannu ta' Charlene Galea u/jew ta' persuna jew persuni ohra;

5. U aktar talli nhar l-04 ta' Dicembru, 2015 bejn 02:45 hrs u 03:05 hrs, minn gewwa residenza numru 46, sitwata gewwa Triq il-Mediterran, Pembroke, ikkometta serq ta' hamsin Euro (€50) fi flus kontanti u kaxxa zghira tal-fidda tal-valur mhux maghruf ghad-dannu ta' Katrin Alegren Benndorff u/jew persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

6. U aktar talli bejn il-lejl tat-18 u 19 ta' Dicembru, 2015, minn gewwa residenza numru 26, sitwata Fuq il-Gonna, Swieqi, ikkommetta serq ta' tmin mitt Euro (€800) fi flus kontonti u kif ukoll kowt tad-ditta *'Esprit'* tal-valur ta' mija u hamsin Euro (€150), ghad-dannu ta' Joanna Schembri Wismayer persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

7. U aktar talli nhar it-22 ta' Dicembru, 2015, f' xi hin bejn 00:30 u s-07:30 ta' filghodu, minn gewwa residenza numru 6, Flat 2, Carbin Court, Triq Dun Alfred Gatt, Santa Venera, ikkommetta ser ta' sittin Euro (€60) fi flus kontanti u kif ukoll *tablet* tal-ghamla 'Samsung' tal-valur ta' mija u disgha Euro (€109) ghad-dannu

ta' Carmelo Falzon u/jew persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok, bil-hin, bil-vjolenza numerika u bil-valur li ma jeccedix elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

8. U aktar talli nhar it-22 ta' Dicembru, 2015, ghal habta tal-05:10 hrs, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa residenza numru 15, sitwata gewwa Triq l-Ghollieq, Santa Venera, ghad-dannu ta' Jason Galea Lucas u/jew persuna jew persuni ohra, flimkien ma persuni ohra wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh, kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, lok, bil-hin, bil-vjolenza numerika u bil-valur li ma jeccedix elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe` mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fid-digriet taghha datat 28 ta' Settembru, 2015, li bih l-imputat inghata l-helsien mill-arrest that diversi kundizzjonijiet fosthom, garanzija personali ta' elf Ewro (€1,000) u kif wkoll li ma jikkomettix reat waqt li jkun fuq liberta provizorja;

10. Fl-ahharnett akkuzat ukoll talli f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka `*contrario imperio*` d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 28 ta' Settembru, 2015 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Sam Ibrahim Mahmoud. Kif wkoll, li tordna li s-somma ta' elf Euro (€1,000), bhala garanzija personali, li gew impost fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favor il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-ligi senjatament l-Artikoli 18, 261 (a)(b)(c)(e)(f), 262(b), 263, 267, 269, 270, 280, 281, 334, 574, 575 u 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat fuq l-akkuzi kollha anke wara li nghata t-twissija bil-konsegwenzi ta' l-istess u dana rega ghal darb' ohra ammetta l-akkuzi kollha.

Rat l-atti kollha pprezentati quddiemha.

Rat li l-akkuzat ghandu 18 il-sena u gia kkommetta serje interminabbli ta' reati.

Fic-cirkostanzi ssibu hati ta' l-akkuzi kollha u wara li rat illi ko-opera mal-Pulizija.

Tikkundannah piena karcerarja ta' erbgha (4) snin, filwaqt illi theggeg lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex jaghmlu l-arrangamenti kollha necessarji sabiex l-akkuzat jigi rinpatrijat lura lejn pajjizu.

Tordna l-komunika lill-Ministru ta' l-Intern u Sigurta` Nazzjonali.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***